# KUNSILL LOKALI L-GĦASRI

# IL-'BUSINESS PLAN'

# 2013 - 2015

## WERREJ


| | |
|---|---|
| **Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni** | **2** |
| **Il-'Mission Statement' u l-Valuri** | **5** |
| **Għanijiet, Riżultati Mistennija u Strateġiji** | **6** |
| **Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill** | **8** |
| **Previżjonijiet tal-Finanzi** | **9** |

## 1.0 Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Dan ir-rapport ser ikopri x-xogħlijiet u attivitajiet li saru mill-Kunsill Lokali L-Għasri matul is-sena 2012.

Il-Kunsill Lokali L-Għasri huwa organizzat b'tali mod li jkun jista' jiffunzjona tajjeb sabiex jaqdi l-bżonnijiet tar-residenti ta' dan ir-raħal. Għalkemm dejjem tkun tixtieq tagħmel aktar, nistgħu ngħidu li aħna sodisfatti li bl-isforzi tagħna, il-Kunsill seta' iwettaq diversi xogħlijiet ta' ġid għar-raħal tagħna.

Nibdew billi nsemmu x-xogħol li jsir permezz tal-kuntratti li għandna ma' diversi kuntratturi.

Il-Kunsill huwa responsabbli mill-indafa u manutenzjoni tat-toroq kemm urbana kif ukoll taż-żona mhux urbana. Il-ġbir ta' skart domestiku, skart riċiklabbli u skart goff isir ukoll mill-Kunsill. Insemmi wkoll it-tbattil tal-Bring in Sites u l-ġbir ta' l-skart riċiklabbli kull nhar ta' Tlieta li jsir mill-Green mt. Minn April li għadda l-Kunsill tagħna sar l-ewwel Kunsill Lokali f'Għawdex li qed jirriċikla l-ħġieġ minn wara l-bieb. Il-Kunsill qassam containers tal-plastik biex jitpoġġa l-ħġieġ fihom, lir-residenti kollha li kienu interessati li jipparteċipaw f'din l-iskema. Kull nhar ta' Ħamis l-ħġieġ riċiklabbli jinġabar biex jiġi riċiklat. Ftit tal-jiem ilu għamilna inizjattiva ambjentali biex nagħtu spinta lil din l-iskema. Għal din l-inizjattiva stedinna lir-residenti kollha sabiex jipparteċipaw billi jirriċiklaw il-ħġieġ nhar il-Ħamis 6 ta' Diċembru. Kull min ipparteċipa ingħata xitla tal-poinsettia. Nistgħu ngħidu li din l-inizzjattiva irnexxiet ħafna fejn dak in-nhar inġabar 980kg ta' ħġieġ li jfisser għaxar darbiet aktar milli soltu jinġabar. Il-Kunsill flimkien ma' Green mt ser ikompli jieħu inizjattivi biex jinkoraġixxu li aktar skart ikun riċiklat.

Il-Kunsill jieħu ħsieb ukoll it-tindif tal-latrina pubblika. Il-Kunsill huwa sodisfatt mis-servizzi li qed jieħu mill-kuntratturi konċernati u kull meta kien hemm bżonn dejjem sibna l-koperazzjoni tal-istess kuntratturi.

Il-lampi tat-toroq jaqgħu wkoll taħt ir-responsabilta tal-Kunsill ħlief dawk il-lampi li jkunu mwaħħla ma' arblu peress li dawn jieħdu ħsiebhom l-Enemalta Co. Ta' min jgħid li meta lampa tkun maħruqa jew tpetpet anke tal-lampi li jkunu mwaħħla mal-arblu, ir-rapport irid isir għand il-Kunsill u minn naħa tagħna mill-ewwel ngħaddu r-rapport lill-kuntrattur jew lill-Enemalta biex issir il-manutenzjoni meħtieġa. Matul din is-sena għamilna wkoll xi lampi ġodda f'inħawi li kienu mudlama. Bħalissa għandna ukoll żewġ applikazzjonijiet biex isiru lampi ġodda, waħda fi Triq il-Knisja u oħra fi Triq Ta' Għammar. Kif ikunu approvati mill-Enemalta dawn ikunu jistgħu isiru wkoll.

Il-Kunsill jieħu ħsieb biex jagħmel tabelli tat-traffiku ġodda jew ibiddel dawk li jkunu fi stat ħażin. Il-marki tat-traffiku fit-toroq huma wkoll fir-responsabilta' tal-Kunsill.

Issa ser ngħaddi biex insemmi xi servizzi li joffri l-Kunsill. Għal dawn l-aħħar snin il-Kunsill qed joffri servizz ta' 'internet' b'xejn minn żewġ postijiet differenti: mill-uffiċċju tal-Kunsill, u anke mill-Pjazza s-Salvatur.

Anzjani mir-raħal tagħna komplew jattendu d-Day Centre t'Għajnsielem. F'dan iċ-Ċentru isiru diversi attivitajiet interessanti għall-anzjani. Trasport għal dan iċ-Ċentru qed jiġi mħallas mill-Kunsill. Dan d-Day Centre qed jitħaddem wara li sar ftehim bejn il-Ministeru Għal Għawdex, il-Kurja u l-Kunsilli Lokali li jagħmlu użu mill-istess Ċentru.

Il-Kunsill kompla żied il-kotba fuq l-ixkaffi tal-librerija tagħna. Hawn ta' min isemmi li l-Kunsill ibbenefika minn skema speċjali dwar libreriji mnedija mis-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali. Minn din l-iskema l-Kunsill ingħata s-somma ta' €466 biex tal-anqas nofs din is-somma tintuża għal xiri ta' kotba u n-nofs l-ieħor biex jitħallsu spejjeż oħra konnessi mal-librerija. Minn naħa tagħna mhux talli użajna s-somma kollha ta' €466 iżda b'kollox xtrajna b'aktar minn €500 f'kotba ġodda.

Il-Kunsill qed jibbenefika mill-iskema ta' xogħol fil-komunita liema skema kienet imnedija ftit tas-snin ilu mill-ETC u mis-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill għandu s-servizz ta' ħaddiem wieħed li qed jagħmel xogħol ta' manutenzjoni li jkun hemm bżonn f'diversi inħawi fir-raħal tagħna. Jagħmel xogħol simili għandna ħaddiem ieħor li qiegħed taħt l-iskema tal-ħaddiema ex WSC.

Il-Kunsill qed joffri lir-residenti tar-raħal tagħna kors dwar il-ħjata. Dan il-kors qed isir darbtejn fil-ġimgħa matul is-sena skolastika. Għal dan il-għan il-Kunsill kien xtara wkoll magna tal-ħjata u b'hekk dawk li jattendu jkunu jistgħu jipprattikaw dak li jitgħalmu.

Servizz ġdid li qed jingħata mill-uffiċċju tal-Kunsill tagħna huwa dak tal-Posta fejn ftaħna Sub Post Office. Il-Kunsill għamel arranġamenti ma' Maltapost u ġie iffirmat ftehim sabiex mill-uffiċċju tagħna inkunu nistgħu noffru dan is-servizz importanti għar-raħal. Sa ftit tal-ġimgħat ilu biex wieħed jixtri bolla, mobile card, jirreġistra ittra postali jew iħallas xi kont tat-telefon, television, tad-dawl u l-ilma kien ikollu joħroġ mir-raħal tagħna. Illum bis-servizz li qed noffru, dan kollu jista' jsir mill-uffiċċju tagħna stess. Nistgħu ngħidu li irċevejna diversi kummenti pożittivi dwar dan is-servizz li qed noffru lir-residenti tar-raħal tagħna. Dan juri kemm kien importanti li naħdmu biex isir dan l-arranġament mal-Maltapost u b'hekk issa s-servizz postali qed jingħata mir-raħal tagħna stess għall-kumdita tar-residenti kollha.

Il-Kunsill jieħu ħsieb li jorganizza wkoll attivitajiet kulturali matul is-sena. Ta' kull sena il-Kunsill jorganizza attivitajiet biex ifakkar Jum L-Għasri. Isiru attivitajiet oħra matul is-sena fosthom fi żmien il-festa tar-raħal tagħna fejn jiġu organizzati logħob għal kulħadd u anke tiġrijiet taż-żwiemel.

Attivita oħra organizzata mill-Kunsill kienet il-JP2 Music Festival li sar f'Mejju fil-Knisja tal-Patroċinju. Għal din l-attivita ħadu sehem il-Fourtissimo Quartet. Din l-attivita' saret bil-koperazzjoni ta' JP2 Foundation.

Lejn l-aħħar ta' April u bidu ta' Mejju kelna magħna studenti minn Ottenschlag, l-Awstrija. Dawn ġew jagħmlu taħriġ fl-iskola fl-ITS. Il-Kunsill hejja programm ta' attivitajiet għal dawn l-istudenti. F'isem il-Kunsill nixtieq nirringrazzja lil Gudron Moggach li ikkordinat il-programm ta' attivitajiet li saru.

Fi żmien il-Milied il-Kunsill qed jorganizza tlett attivitajiet li għalihom ikolna parteċipazzjoni tajba ħafna. L-attivitajiet ta' żmien il-Milied ikunu mmirati għal kulħadd u l-attendenza tagħkom waqt l-istess attivitajiet timlina bil-kuraġġ biex inkomplu norganizzaw attivitajiet simili.

Ngħaddi biex insemmi xi xogħlijiet importanti li saru matul din is-sena. Tajjeb li nibda billi ngħid li matul din is-sena finanzjarja l-Kunsill iffinalizza l-ħlasijiet ta' toroq li saru minn dan is-Sitt Kunsill Lokali. Hawn qed nirreferi għal Triq Ta' Għammar, Triq il-Fanal, Triq Dun Karm Caruana. Għalhekk parti kbira mill-baġit tal-Kunsill għal din is-sena marru fuq dawn il-proġetti.

Proġetti oħra li saru mill-Kunsill huma l-bankina li saret mill-ġdid fi Triq il-Fanal. Fi Trejqet San Pupulju kien hemm problema tal-ilma tax-xita u għalhekk il-Kunsill kesa mill-ġdid parti minn din it-trejqa u anke sar gandott għall-ilma tax-xita. Sar ukoll xogħol ta' tisbiħ fil-Pjazza fejn anke xtrajna litter bins ġodda biex bdilna dawk qodma. Ftit tax-xhur ilu bdilna wkoll it-tabella Merħba li għandna fi Triq L-Għasri.

Nixtieq insemmi xogħol li forsi ma tantx jidher iżda bħala Kunsill qed jaħlilna ħafna riżorsi u finanzi. Qed nirreferi għal xogħol li jsir fiż-żona mhux urbana, fil-kampanja sabiħa li għandna f'L-Għasri. It-toroq ta' dawn l-inħawi huma magħmulin mit-turba, jiġifieri żrar u ramel. Għalhekk wara kull maltempata kbira dawn it-toroq iġarrbu ħsarat kbar. Insemmi biss il-maltempata ta' Marzu li għadda. Il-ħsara li saret dak in-nhar kienet waħda kbira ħafna. Kelna diversi inħawi li ġew imblukkati bit-tajn u materjal li niżel għal fuq it-toroq. Il-Kunsill immedjatament talab l-għajnuna tal-Ministeru Għal Għawdex biex isir ix-xogħol meħtieġ biex it-toroq kollha jerġgħu jinfetħu fl-iqsar żmien possibbli. Hawn nixtieq nirringrazzja lill-Ministeru Għal Għawdex tal-koperazzjoni tagħhom. Biex tittranġa l-ħsara kollha l-Kunsill kellu jiffinanzja ħafna mill-ispejjeż li saru. Fi Triq Wied L-Għasri kelna nagħtu l-konkos peress li parti mit-triq kienet tkaxkret kollha mill-maltemp. Barra t-toroq kelna diversi ħitan tas-sejjieħ li waqgħu u għalhekk kelna nerġgħu nibnuhom. Ħafna mill-ħitan inbnew ukoll bil-koperazzjoni tal-Ministeru Għal Għawdex.

Qabel nagħlaq nixtieq insemmi li l-Kunsill bħalissa qed jaħdem fuq diversi proġetti ġodda għar-raħal tagħna. Il-Kunsill kompla japplika għall-aktar fondi kemm minn skemi speċjali li joħroġ id-Dipartiment u anke minn fondi tal-Ewropa. Dan l-aħħar il-Kunsill għadu kif għamel applikazzjoni għal fondi speċjali, skema maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. L-applikazzjoni saret biex jitkompla jingħata wiċċ ġdid fi Trejqet San Pupulju u Trejqet Dun Ġużepp Cassar. Jekk din l-applikazzjoni tiġi aċċettata l-Kunsill jista' jingħata sa €15,000 biex jitwettaq dan il-proġett. Il-Kunsill kien għamel applikazzjoni oħra dwar skema ta' restawr ta' postijiet storiċi fejn ipproponejna r-restawr tan-niċċa tal-Lunzjata u anke l-istatwi ta' fuq iz-zuntier tal-Knisja. Ftit tal-jiem ilu ingħatajna l-informazzjoni li din l-applikazzjoni ġiet aċċettata u għalhekk fil-ġimgħat li ġejjien inkunu nistgħu nibdew naħdmu biex inwettqu dan ir-restawr.

Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta dwar l-applikazzjoni tiegħu taħt il-programm tal-EU M125. Permezz ta' din l-applikazzjoni, dejjem jekk tiġi aċċettata, il-Kunsill ikun jista' jagħmel triq fiż-żona mhux urbana bil-prijorita tagħna tkun Triq Ta' Gallina. Minn dan il-programm nistgħu nakkwistaw sa €30,000. Applikazzjoni oħra li għamilna din is-sena hija dwar tindif u tisbiħ ta' Wied L-Għasri, il-parti ta' Triq il-Knisja. Minn din l-applikazzjoni taħt il-programm M413 il-Kunsill jista' jingħata sa €50,000.

Ħafna drabi l-Kunsill ma jkunx jista' jwettaq ix-xogħlijiet kollha mingħajr il-koperazzjoni ta' diversi Dipartimenti u Entitajiet Governattivi u għalhekk pubblikament nixtieq nirringrazzjahom ta' kull għajnuna. Nirringrazzja ukoll lill-Ministru Għal Għawdex għall-koperazzjoni tagħhom.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-sħabi l-Kunsilliera tal-għajnuna u l-appoġġ kontinwu li jagħtuni matul is-sena u lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill. Jien minn naħa tiegħi intenni l-wegħda tiegħi li kulmin ikollu bżonn xi ħaġa, dejjem se jsibni lest biex nisma' u bl-aħjar mezz nindirizza kull ilment jew talba li titressaq quddiem il-Kunsill.

**Andrew Vella**
**Sindku**

## 2.1 Il-'Mission Statement'

Il-Membri kollha tal-Kunsill jaħdmu bis-sħiħ biex iżommu il-wegħda li għamlu sabiex jaħdmu għal ġid tal-lokalita' u r-residenti ta' L-Għasri. Il-Kunsill jipprova kemm jista' biex isolvi l-problemi u mhux jisma' l-ilmenti biss. L-ilmenti li jaqgħu taħt ir-responsabilta ta' Dipartimenti jew Korporazzjonijiet tal-Gvern jiġu mgħoddija mill-ewwel lill-Awtorita' konċernata permezz tas-sistema tal-Customer Care.

## 2.2 Il-Valuri

Dawn huma il-valuri tal-Kunsill Lokali ta' L-Għasri

- Effiċċjenza, trasparenza u amministrazzjoni effettiva
- Jinvolvi lill-abitanti fix-xogħlijiet li jkun qed iwettaq
- Iżomm lir-residenti nfurmati b'dak li jkun qed iwettaq il-Kunsill
- Idaħħal is-sens ta' patrijottiżmu fost l-abitanti

## 3.1 Għanijiet u riżultati matul l-aħħar tlett snin (2010/2012)

| Għanijiet | Riżultati |
|---|---|
| It-Toroq | Saru toroq bit-tarmak iżda għad baqa' oħrajn xi jsiru. Il-Kunsill għandu bżonn aktar fondi biex ikun jista' jirranġa aktar toroq. Saru ukoll bankini f'diversi toroq.<br><br>It-toroq fiż-żona mhux urbana qed jiġu rranġati kull meta jkollhom bżonn u b'hekk il-bdiewa jkollhom aċċess aħjar għall-egħlieqi tagħhom. |
| Re Surfacing ta' Toroq | Triq Dun Karm Caruana u Pjazza s-Salvatur ġew miksija bit-tarmak. Inbidlu wkoll is-servizzi u l-main tal-ilma. Sar ukoll il-'Storm Water Culvert' biex tissolva l-problema tal-għargħar f'dawn l-inħawi. |

## 3.2 Għanijiet u riżultati mistennija matul it-tlett snin li ġejjin (2013/2015)

| Għanijiet | Riżultati Mistennija |
|---|---|
| Re-Surfacing ta' Toroq | Il-Kunsill qed jippjana li jiksi kemm possibbli toroq bit-tarmak l-aktar dawk it-toroq li jinsabu fi stat ħażin. |
| Fondi Speċjali | Il-Kunsill japplika wkoll għall-fondi mill-iskemi speċjali maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex isiru proġetti ġodda fil-lokalita' ta' L-Għasri. |
| Non Urban Area | Il-Kunsill jixtieq ukoll li jagħti mportanza lit-toroq u l-ambjent fiz-zoni mhux urbani. Dawn għandhom jkunu aċċessibbli biex jitgawdew mill-bdiewa u anke mir-residenti. Għal dan il-għan il-Kunsill applika għall-fondi tal-EU taħt il-programm M125. |

## 3.3 Strateġiji

Għas-snin 2013/2015, l-istrateġiji tal-Kunsill huma :-

- ikompli jeduka u jinforma lir-residenti bl-inizzjattivi li jieħu l-Kunsill
- jara li jkollu l-aħjar servizzi bl-irħas prezz possibbli minn għand il-kuntratturi kollha
- jinkoraġixxi djalogi u teamwork bejn kumitati u organizzazjonijiet li qegħdin fl-istess raħal

## 4.1 Organizazzjoni

L-organizazzjoni tal-Kunsill hija mwaqqfa mill-Kunsill innifsu, mis-Segretarju Eżekuttiv, mil-librara, mill-ħaddiem tal-iskema xogħol fil-kominita u mill-ħaddiem tal-iskema ta' 'ex WSC'.




Is-Segretarju Eżekuttiv huwa involut fix-xogħol Amministrattiv kollu tal-Kunsill. Huwa jilqa' l-ilmenti u s-suġġerimenti li jkollhom ir-residenti.

## 4.2 Attivitajiet Ġenerali

Il-Kunsill Lokali L-Għasri huwa ffurmat minn ħames membri, is-Sindku, Viċi Sindku u tliet Kunsilliera. Ilkoll flimkien dejjem naħdmu għall-ġid tar-raħal ta' L-Għasri. Bħal kull Kunsill Lokali ieħor il-Kunsill Lokali ta' L-Għasri għandu il-funzjonijiet tiegħu x'jaqdi. Ħafna mix-xogħol isir permezz tal-kuntratti li għandu ma' diversi Koperattivi u kuntratturi privati.

Il-Kunsill huwa impenjat jara li jieħu s-servizz ta' dak li jkun qed iħallas għalih. Fil-fatt il-Kunsill ġieli ħa l-passi meħtieġa biex ix-xogħol isir skond l-ispeċifikazzjonijiet li jkun hemm fil-kuntratt. Minbarra ix-xogħlijiet li jsiru permezz ta' dawn il-kuntratti, l-Kunsill għamel ukoll diversi proġetti mportanti għar-raħal ta' L-Għasri. Il-Kunsill jieħu ħsieb ukoll li jorganizza attivitajiet kulturali. Ta' kull sena qed jiġi mfakkar Jum L-Għasri, filwaqt li jsiru diversi attivitajiet matul is-sena fosthom fi żmien il-festa tar-raħal u anke fi żmien sabiħ tas-sena, il-Milied.

Jiena ċert li r-residenti japprezzaw is-sagrifiċċji li qed jagħmlu l-membri kollha tal-Kunsill li jaħdmu id f'id għal ġid tar-raħal ta' L-Għasri.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

## 5.1 Stima Finanzjarja għal tlett snin

| ACCT NO. | DESCRIPTION | a<br>BUDGET 2013 (EURO) | b<br>BUDGET 2014 (EURO) | c<br>BUDGET 2015 (EURO) | c-b<br>BUDGET 2013 - 2015 (EURO) |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | |
| 0000 | Government | **187,100.00** | **191,150.00** | **200,200.00** | **578,450.00** |
| 0020 | Bye-Laws | **500.00** | **550.00** | **600.00** | **1,650.00** |
| 0090 | Investment | **250.00** | **250.00** | **300.00** | **800.00** |
| | TOTAL | **187,850.00** | **191,950.00** | **201,100.00** | **580,900.00** |
| **1** | **Expenditure** | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | 48,725.00 | 50,648.00 | 52,000.00 | 151,373.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | 93,500.00 | 94,000.00 | 95,650.00 | 283,150.00 |
| 7000 | Capital Expenditure | 44,500.00 | 47,000.00 | 53,000.00 | 144,500.00 |
| | TOTAL | **186,725.00** | **191,648.00** | **200,650.00** | **579,023.00** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **1,125.00** | **302.00** | **450.00** | **1,877.00** |
| | **BROUGHT FORWARD** | | 1,125.00 | 1,427.00 | |
| | **CARRY FORWARD** | 1,125.00 | 1,427.00 | 1,877.00 | 1,877.00 |

## 5.2 Noti

- Dħul - L-Allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali ġiet ikkalkulata li tiżdied b'madwar €4,000 kull sena.
- Infieq - Iż-żieda tqasmet bejn Personal Emoluments minħabba żieda fil-pagi li jista' jkun hemm u Repair u Upkeep u Contractual Services sabiex tingħata aktar importanza lit-toroq u postijiet pubbliċi.

# 5.3 Stima ta' Dħul għal Tlett Snin

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2013 (EURO) | BUDGET 2014 (EURO) | BUDGET 2015 (EURO) | BUDGET 2013 – 2015 (EURO) |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | |
| 0000 | Government | | | | |
| 0001 | Annual | 162,000.00 | 166,000.00 | 170,000.00 | 498,000.00 |
| 0002 | Supplementary | | | | |
| 0003 | Special needs | 25,000.00 | 25,000.00 | 30,000.00 | 80,000.00 |
| 0004 | Public/government entities | 100.00 | 150.00 | 200.00 | 450.00 |
| 0015 | Other | | | | |
| | | **187,100.00** | **191,150.00** | **200,200.00** | **578,450.00** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | |
| 0021 | Community services | | | | |
| 0036 | Contravention of bye-laws | | | | |
| 0056 | Contributions and donations | | | | |
| 0066 | General services | 500.00 | 550.00 | 600.00 | 1,650.00 |
| | | **500.00** | **550.00** | **600.00** | **1,650.00** |
| 0090 | Investment | | | | |
| 0091 | Bank interest | 250.00 | 250.00 | 300.00 | 800.00 |
| 0096 | Government securities | | | | |
| | | **250.00** | **250.00** | **300.00** | **800.00** |
| | **TOTAL** | **187,850.00** | **191,950.00** | **201,100.00** | **580,900.00** |

## 5.4 Stima ta' Infieq għal Tlett Snin

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2013 (EURO) | BUDGET 2014 (EURO) | BUDGET 2015 (EURO) | BUDGET 2013 - 2015 (EURO) |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **Expenditure** | | | | |
| | Personal Emoluments | | | | |
| 1000 | Mayor's allowance | 6,700.00 | 6,850.00 | 7,000.00 | 20,550.00 |
| 1100 | Employee salaries and wages | 29,500.00 | 31,000.00 | 32,000.00 | 92,500.00 |
| 1200 | Bonuses | 400.00 | 425.00 | 425.00 | 1,250.00 |
| 1300 | Income supplements | 375.00 | 373.00 | 375.00 | 1,123.00 |
| 1400 | Social Security contributions | 2,950.00 | 3,100.00 | 3,200.00 | 9,250.00 |
| 1500 | Allowances | 2,400.00 | 2,500.00 | 2,600.00 | 7,500.00 |
| 1600 | Councillor's Allowance | 6,400.00 | 6,400.00 | 6,400.00 | 19,200.00 |
| 1700 | | **48,725.00** | **50,648.00** | **52,000.00** | **151,373.00** |
| | Operations and maintenance | | | | |
| 2000 | Utilities | 3,000.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 9,000.00 |
| 2100 | Materials and supplies | 400.00 | 400.00 | 450.00 | 1,250.00 |
| 2200 | Repair and upkeep | 30,000.00 | 30,000.00 | 30,000.00 | 90,000.00 |
| 2300 | Rent | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 1,500.00 |
| 2400 | International memberships | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 600.00 |
| 2500 | Office services | 1,000.00 | 1,200.00 | 1,250.00 | 3,450.00 |
| 2600 | Transport | 1,500.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 4,500.00 |
| 2700 | Travel | 500.00 | 750.00 | 750.00 | 2,000.00 |
| 2800 | Information services | 1,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 3,000.00 |
| 2900 | Contractual services | 40,000.00 | 40,000.00 | 41,000.00 | 121,000.00 |
| 3000 | Professional services | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 15,000.00 |
| 3100 | Training | 100.00 | 150.00 | 200.00 | 450.00 |
| 3200 | Community and hospitality | 10,000.00 | 10,000.00 | 10,500.00 | 30,500.00 |
| 3300 | Incidental expenses | 300.00 | 300.00 | 300.00 | 900.00 |
| 3400 | | **93,500.00** | **94,000.00** | **95,650.00** | **283,150.00** |
| | Capital expenditure | | | | |
| 7000 | Acquisition of property | | | | |
| 7001 | Construction | 15,000.00 | 17,000.00 | 18,000.00 | 50,000.00 |
| 7100 | Improvements | 3,500.00 | 4,000.00 | 4,000.00 | 11,500.00 |
| 7200 | Equipment | 1,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 3,000.00 |
| 7300 | Special programmes | 25,000.00 | 25,000.00 | 30,000.00 | 80,000.00 |
| 7500 | | **44,500.00** | **47,000.00** | **53,000.00** | **144,500.00** |
| | **TOTAL** | **186,725.00** | **191,648.00** | **200,650.00** | **579,023.00** |